## QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 30 ta' Novembru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 104 / 17RGM

Kawza fil-lista: 19

**F X**
**vs**
**A B; u**
**permezz ta' digriet datat 21 ta' Gunju 2017 giet mahtura bhala kuratrici tal-minuri Y B;**
**W B; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-konvenuta, mart il-konvenut l-iehor, weldet tifla, Y, nhar it-tlieta (3) ta' Frar, 2017.

2. Illi mill-istess certifikat tat-twelid jirrizulta illi missier l-imsemmija minuri huwa l-konvenut, u ghalhekk il-minuri ggib l-istess kunjom tal-konvenut.

3. Illi fil-fatt il-konvenut mhuwiex genetikament missier il-minuri, imma huwa l-esponent li huwa missierha, u dan kif ha jirrizulta mill-provi, apparti li l-esponent huwa minn issa lest jissottometti ruhu ghal kull test sabiex jigi stabbilit dan il-fatt.

Raguni ghat-Talba

4. Illi l-esponent ghandu interess li jkun dikjarat missier il-minuri hawn imsemmija skont l-Artikolu 77A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi l-konvenuta kienet fl-impossibilta’ fizika li tikkoabita mal-konvenut zewgha, li minnu kienet separata *de facto*, u dan ghaz-zmien li jipprovdi l-Artikolu 77A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talba

1. Tiddikjara li huwa, u mhux il-konvenut, huwa l-missier tal-minuri Y, li welldet il-konvenuta skont kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri li jgib in-numru 761 tal-2017, u konsegwentement, li kull fejn hemm registrat li l-konvenut huwa missier l-imsemmija minuri, ghandu jigi kancellat u sostitwit b’isem l-esponent.

2. Konsegwentement, tordna ai termini tal-Artikolu 256 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta n-notifika tal-istess sentenza lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-finijiet ta’ l-istess artikolu;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti tissottometti illi fil-mertu u b'referenza partikolari ghall-paternita' in kwistjoni tal-minuri Y KB, naturalment hija ma hijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati mill-attur fir-rikors guramentat u ghaldaqstant tirrimetti ruhha ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi stante li din hija kawza ta' rikonoxximent ta' parternita` li qed tigi msejsa ai termini tal-Artikolu77C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa car illi sabiex tirnexxi din il-kawza istanti, ir-rikorrent irid ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprova li fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri Y B, il-konvenuta A B kienet wettqet adulterju ma’ l-attur F X u di piu' jipprova ukoll xi fatt iehor li jistghu ikunu testijiet genetici li jeskludu lil W B, ir-ragel tal-konvenuta A B bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri Y B;

3. Illi stante s-suespost, l-esponenti hija tal-umli fehma illi jkun ta' beneficcju jekk il-partijiet jissottomettu rwiehhom ghal testijiet genetici ai termini tal-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-attur irid fl-istess waqt jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentament juru li l-pussess ta' stat tal-minuri Y B ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jinvita lill-istess F X sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identita`, (3) l-eta tieghu meta twieldet il-minuri Y B, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post tar-residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija Y B, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet t-tifla Y B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri Y B bin-numru progressiv seba' mija u wiehed u sittin tas-sena elfejn u sbatax (761/2017);

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi Y B a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi subordinatament deijem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem W B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kancellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni seba' mija u wiehed u sittin tas-sena elfejn u sbatax (761/2017);

8. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u ghalhekk hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat l-avviz ippubblikat fit-12 ta' Mejju 2017 a tenur ta' l-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16;

Rat illi minkejja li giet debitament notifikata, il-konvenuta A B baqghet ma pprezentat ebda risposta guramentata f'dawn il-proceduri;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Gunju 2017 fejn awtorizzat lil A B sabiex tagixxi bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Y B ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri u ordnat id-debita zieda fl-okkju tal-kawza;

Rat illi waqt l-udjenza tas-27 ta' Gunju 2017 il-konvenut W B ta ruhu b'notifikat bir-rikors guramentat, bl-avviz tas-smigh tal-kawza u bid-digriet ta' l-10 ta' Mejju 2017;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut W B waqt l-istess udjenza illi ma jopponix ghat-talbiet attrici salv li ma ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-procedura;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Gunju 2017 fejn innominat a spejjez provvizorjament ta' l-attur lil Dr. Marisa Cassar sabiex tikkonduci testijiet tad-DNA fuq F X, A B, W B u l-minuri Y imwielda fit-3 ta' Frar 2017;

Rat l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar u r-rapport taghha anness, bir-rizultati tat-testijiet ta' NA, debitament mahlufin fis-27 ta' Settembru 2017, li jiccertifikaw illi l-attur F X huwa l-missier naturali tal-minuri Y;

Rat il-verbal registrat mill-attur waqt l-udjenza ta' l-4 ta' Ottubru 2017 ghall-finijiet ta' l-Artikolu 278 tal-Kapitolu 16, fejn iddikjara illi fit-3 ta' Frar 2017 huwa kellu 49 sena, twieled il-Pieta`, kien jghix Bormla u isem u kunjom missieru huwa Saviour X li huwa mejjet;

Rat ukoll it-talba ta' l-attur waqt l-istess udjenza ta' l-4 ta' Ottubru 2017 sabiex kunjom it-tarbija jsir 'X';

Rat id-digrieti l-ohra kollha taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawza thallet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Provi**

Mar-rikors promotur giet annessa vera kopja ta' l-att tat-twelid tal-minuri Y B (Dok. JM1).

Fl-istess rikors promotur, l-attur ikkonferma bil-gurament illi ghalkemm il-minuri Y B tinsab registrata fl-att tat-twelid taghha bhala bint il-konvenut W B u ggib il-kunjom tieghu, il-konvenut ma huwiex genetikament missier il-minuri;

L-attur izid jghid illi l-konvenuta A B kienet fl-impossibbilita` fizika li tikkoabita mal-konvenut zewgha ghaz-zmien li jipprovdi l-Artikolu 77A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex hija kienet separata *de facto* minnu;

Il-konvenut W B iddikjara li ma jopponix ghat-talba ta' l-attur filwaqt illi l-konvenuta A B fil-kontumacja taghha ma ressqet ebda prova biex tirribatti l-verzjoni ta' l-attur;

Dr. Marisa Cassar, fl-affidavit taghha a fol. 26 *et seq.* ikkonfermat li gabret il-kampjuni orali ta' A B, ta' Y B u ta' F X fid-29 ta' Awwissu 2017 sabiex jistghu jsiru t-testijiet ta' DNA (*paternity test*) u kkonfermat li mit-testijiet li ghamlet jirrizulta illi F X hu l-missier naturali tal-minuri Y li twieldet fit-3 ta' Frar 2017, kif del resto spjegat fir-rapport minnha iffirmat a fol. 28 *et seq.*

**Kunsiderazzjonijiet**

**L-Artikolu 77A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi li:-

*Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-ġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled il-wild, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi li wiled, il-konjuġi l-ieħor u l-wild, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxielu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild, il-konjuġi li wiled kien wettaq adulterju miegħu, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lill-konjuġi l-ieħor bħala l-ġenitur naturali tal-wild.*

**L-Artikolu 77Ċ tal-Kap. 16** jipprovdi:-

*Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77A u 77B il-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-konjuġi li wiled skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni li persuna huwa l-ġenitur jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-wild.*

**Eccezzjonijiet tal-Konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku**

Bit-tielet eccezzjoni tieghu, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ["id-Direttur"] eccepixxa illi jkun ta' beneficcju jekk il-partijiet jissottomettu rwiehhom ghal testijiet genetici ai termini ta' l-Artikolu 70A tal-Kap. 16. Il-mertu ta' din l-eccezzjoni gie sorvolat bit-testijiet genetici li saru fil-mori tal-proceduri, skond kif jirrizulta mill-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar.

B'referenza ghall-hames u s-sitt eccezzjoni tal-konvenut Direttur, jirrizulta illi dawn gew sorvolati bid-dikjarazzjonijiet registrati mill-attur waqt l-udjenza ta' l-4 ta' Ottubru 2017.

Id-Direttur eccepixxa wkoll fit-tieni eccezzjoni tieghu illi peress li din hija kawza ta' rikonoxximent ta' paternita` msejsa fuq l-Artikolu 77C tal-Kap. 16, sabiex tirnexxi din l-azzjoni l-attur irid jipprova li fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri Y B, il-konvenut A B kienet wettqet adulterju ma' l-attur F Mericeca u di pju` jipprova wkoll xi fatt iehor, li jistghu jkunu testijiet genetici, li jeskludu li W B, zewg il-konvenut A B, huwa l-missier naturali tal-minuri.

Permezz tar-raba' eccezzjoni, l-istess Direttur eccepixxa illi fl-istess waqt l-attur irid jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa ai termini ta' l-Artikolu 81 tal-Kap. 16 billi adegwatament u konvincentement juru li l-pussess ta' stat tal-minuri Y B ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha.

Dwar it-tieni u r-raba' eccezzjoni tal-konvenut Direttur, il-Qorti tqis li permezz tal-prova bil-mezz tat-testijiet ta' DNA konfermati bil-gurament ta' Dr. Marisa Cassar, kif ukoll permezz tad-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur fir-rikors promotur u d-dikjarazzjoni tal-konvenut W B li ma jopponix ghat-talba ta' l-attur li jigi dikjarat minfloku bhala missier il-minuri, dak rikjest bl-Artikolu 77A u l-Artikolu 81 tal-Kap. 16, gie sodisfacentement ippruvat.

Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi mressqa li huwa l-attur u mhux zewg il-konvenuta A B, cioe` il-konvenut W B, li huwa l-missier bijologiku tal-minuri Y B. Ghalhekk, it-talbiet attrici jisthoqqu li jigu akkolti.

Dwar il-kap ta' l-ispejjez, il-Qorti ma thossx illi fic-cirkostanzi il-konvenut W B, ghandu jbati xi spejjez konnessi ma' dawn il-proceduri. Lanqas ma ghandu l-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi kkundannat ihallas xi parti minn dawn l-ispejjez. In vista tan-natura tat-talbiet f'din il-kawza, il-Qorti tqis illi l-ispejjez ghandhom jigu ssopportati ugwalment mill-attur u mill-konvenuta A B stante illi l-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni huma attribwibbli biss lilhom.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur bil-mod kif hawn deciz, u fil-kontumacja tal-konvenuta A B u konsidrat l-ammissjoni tal-konvenut W B fl-udjenza tas-27 ta' Gunju 2017 hlief ghall-kap tal-ispejjez :-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi huwa l-attur F X, u mhux il-konvenut W B, il-missier naturali tal-minuri Y li welldet il-konvenuta A B fit-3 ta' Frar 2017 u tordna konsegwentement illi mill-att tat-twelid ta' l-istess minuri li jgib in-numru 761/2017, jigu kancellati l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-konvenut W B taht il-kolonna u fir-ringiela indikati "*Taghif dwar missier it-tarbija*" u minflok, dawn jigu sostitwiti b'isem l-attur F X bil-konnotati kollha tieghu, kif ukoll jigu kancellati l-kliem "*the said*" taht il-kolonna u fir-ringiela "*Taghrif dwar l-omm*" bil-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw mill-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2017.

2. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal nofs mill-attur u nofs mill-konvenuta Charmain B.

**Imhallef** **Deputat Registratur**